Newspaper Review of *In-Naħa l-Oħra tal-Istorja Ġudeo-Kristjana*

by Anton Sammut

Originally published in *It-Torċa*, Sunday, 4 September 2011 (p. 38)

Reviewed by **Francis Galea**

This document includes:

A scanned copy of the original article (from *It-Torċa*, p. 38)

A full Maltese transcription

An English translation adapted for clarity and citation

ISBN of the reviewed book: 978-99957-0-580-0

Xogħol ta' riċerka ta' Anton Sammut

IT-TOGĦMA tal-kitba mifruxa wara l-ħsieb ta' sehibna Anton Sammut diġà doqnieħa fil-ktieb *Alte Vestiga*. Kien rumanz imsejjes fuq riċerka, li biha Sammut ta xhieda tal-ħiliet imsejsa fuq is-sabar għat-tiftix biex jgħaqqad ħsibijietu flimkien fis-sura ta' rumanz storiku u filosofiku. Illum, Sammut mexa aktar 'il quddiem billi minn riċerka f'oqsma differenti, sawwar dan il-ktieb interessanti li żgur se jqanqal djalogu, tal-inqas bejn dawk li jħobbu jiddiskutu ġeneru ta' din ix-xorta.

Il-ktieb li għandna f'idejna llum *In-Naħa l-Oħra tal-Istorja Ġudeo-Kristjana* mill-ewwel jurina t-triq li għażel l-awtur. Hija triq iebsa u mħarbta. Triq li fiha ried jgħarrex sew u b'sabar kbir sabiex isib il-ħwejjeġ kif tassew ġraw, u sostnuti minn aktar minn fehma waħda. Sammut ried imur ukoll f'bosta pajjiżi biex janalizza fehmiet differenti dwar l-"esseri uman". B'xorti tajba, Anton Sammut għandu d-don li jikteb bil-lingwa tal-poplu. B'ħekk, billi x-xogħol tiegħu diġà minnu nnifsu fih x'tomgħod u tixtarr, il-qarrej m'għandux għalfejn jitkisser jaqra sentenzi twal u kkumplikati. Il-kitba ta' Sammut hija wkoll mexxeja, b'referenzi u analiżi siewja biex tissokta ddawwal it-triq ta' kull min jagħżel li jaqra dan ix-xogħol voluminuż.

Minnu nnifsu dan it-tieni xogħol ta' Sammut juri li dan l-awtur mhux biss jedħa, iżda wkoll isib il-mezz kif joħloq eżerċizzju bil-kliem. Huwa bħal donnu jiddjaloga mal-qarrej tul it-triq iebsa li jgħaddi minnha sa ma jaħseb li jkun sab id-dokument meħtieġ u aħħari li fiha tfiġġ is-soluzzjoni. Sammut jaqsam ix-xogħol tiegħu f'żewġ partijiet. Fl-ewwel parti joħodna 'l boghod fl-istorja qadima tas-Sumeri u dawk ta' Babilonja. Idewwaqna ftit mill-benna ta' kitbiet kbar u klassiċi sa ma jdaħħalna fil-ġrajjiet tat-testment l-antik fil-Bibbja. F'din it-triq il-qarrej jikseb biżżejjed tagħrif sabiex fil-kwiet ta' kamartu jkun jista' jibda jifforma opinjoni dwar dan il-qari; u ħu stess joħroġ b'ideat bit-tama li jagħraf ukoll is-soluzzjoni, ix-xebħ jew tal-inqas raġġ dawl tar-realtajiet li sehħu.


In-Naħa l-Oħra tal-Istorja Ġudeo-Kristjana
L-Istorja tar-Reliġjon minna dejjem ġħaddiet mill-passatur tal-ċensura, skont il-bżonnijiet ta' dawk li kellhom is-saħħa li jiddeċidaw...
Anton Sammut
L-awtur ta' Alte Vestiga

It-tieni parti hija xi ftit aktar iebsa minn dik tal-ewwel għax hawn insibu lill-awtur janalizza b'mod li jidħol fid-dubju. Jifli b'aktar minn lenti waħda biex jara u jersaq sew lejn il-karattri u l-ġrajjiet. Fost dawn l-isforzi nsibuh jixxabbat mal-kitbiet tal-Vanġelu, l-ittri ta' San Pawl, u oħrajn li lkoll suppost li sehħu wara t-twelid u l-ħajja ta' Kristu fuq din l-art. Dan kollu jdaħħalna fit-testment il-ġdid, li Sammut jagħżel li jidħol fih aktar fil-fond, għax bħalma kulħadd jaf, lilhinn mill-ħajja ta' Kristu, hemm il-ħajja ta' dawk li tul il-milja tas-snin għażlu li jkunu l-appostli u l-predikaturi tar-reliġjon li ssawret f'isem Kristu, snin wara mewtu.

Sammut jibda l-mixja tiegħu f'din l-analiżi ta' xirka ta' twemmin billi joħodna lura lejn dak li hu meqjus bħala l-waqgħa tal-bniedem. Janalizza wkoll it-twelid ta' Adam u l-fenomeni supranaturali (?) li jimmanifestaw fil-forma tas-siġra. Sammut ma jaħsibhiex darbtejn biex jidħol fil-kritika, jgħawwar fil-medju evu mudlam, fil-kitbiet ta' awturi kbar uħud minnhom rappreżentanti ta' quddiem nett tal-Knisja. L-awtur iħittex li jikteb fuq dak l-illuminiżmu li beda jdawwal u ħekk jinħoloq id-dubju, dwar ir-rinaxximent li mexa bħal mewġa kbira u qawwija bit-tama li tiknes u teqred il-medjokrità antika. L-awtur Sammut mhux bħal awturi oħrajn. Joħxa mhux biss fir-rakkont, iżda fl-argumenti li jħobb iqanqal u jsostni l-ħtieġa tagħhom biex jgħin fil-ftuħ tal-moħħ tal-qarrejja.

Dan iwassalna lejn l-aħħar parti tal-kitba li fiha jdaħħal dawk li jsejjaħ Riflessjonijiet Addizzjonali. F'din is-sezzjoni, il-bniedem jieħu rwol aktar qawwija u b'saħħitha jew valida, għax bħalma huwa kien l-attur ewlieni fl-imgħoddi, ħekk ukoll se jkun protagonist fil-ġejjieni.

Anton Sammut jibqa' għaddej b'fehmiet konkreti dwar ir-reliġjonijiet li jsawru parti sħiħa mill-għemejjel u l-imġiba tal-bniedem kemm bħala mexxej kif ukoll bħala l-bniedem ubbidjent.

Bħalma l-awtur jistrieħ, għax hu u jikteb jifhem li jkun qed joħloq u ħekk jibda jneħħi ftit mill-piż li jitgħabba bih, ħekk ukoll il-qarrej jibda jirċievi tagħrif bit-tama li l-eżerċizzju jwassal għal fehma ġdida u aktar reali. Hi x'inhi s-sitwazzjoni li jsib ruħu fiha l-qarrej, żgur li twasslu biex janalizza l-kitba ta' Sammut u jasal biex joħroġ hu ukoll b'fehmiet u ħsibijiet ġodda. Dan l-eżerċizzju jgħin lill-individwu jimbotta l-moħħ lejn il-limiti mbiegħda.

francis galea

www.francisgalea.com

Maltemp

Illum kemm qomt imdejjaq!
Għajnejk mimlija dmugħ
U wiċċek griż, bajdani
Jaqaw irqadt bil-ġuħ?

U kemm qed tgerger
waħdek!
Bi kliem li ma niftumux
Kultant xi berqa tfaqqa',
Jewwilla ħsibtni trux!

Xi ġralek, ajru, sieħbi,
Wiċċek tant kien sabiħ,
Għamilt xi lejl titqalleb?
Ma sibtx ftit tal-mistrieħ?

Kultant jigrili bħalek,
Inbati bil-burdati,
Daqqa nidħak u ngħoxa,
Kultant nervi spjetati.

Kultant ikolli nibla',
Xi pirmla tat-tensjoni,
Kultant ma tkunx biżżejjed,
Inżid tad-dipressjoni.

Maltemp, bil-griż u
d-dwejjaq,
Mur, ħallini kwiet,
Sfoga li għandek tagħmel,
Imbagħad itlaq fis-skiet.

Xarrab fejn hemm l-għelieqi,
Saqqi fejn hemm miżrugħ,
Lili imma kwiet ħallini,
Għax malajr taqtagħli l-guħ

U fil-brejk ħallini nohroġ,
U lil ħwejġi xxarrablix,
Ara jiena x'qatt għamiltlek!
Itlaq, u ddejjaqnix!

Emanuel Julian Cachia

Is-serduq jibqa' jidden matul iż-żmien

(Kontra l-ipokresija u b'solidarjetà mal-innoċenti Libjani)

Il-Jena għasset tajjeb
L-Oasi li nxxiet l-ilma sewdieni.
Ħakmet sew b'id tal-azzar
Lil kull gremxula li għexet hemmhekk
U ħonqot kull inizjattiva ssehħ
Jekk mhux bl-approvazzjoni tagħha.

It-tajr sottili ta' barra l-Oasi
Tar u melles bil-kbir daħar il-Jena
Bi kliem ħelu għasli
Għal kisba tal-ilma sewdieni
U ma tax widen għall-krib tal-gremxul
Maħkum u mirdum taħt ir-ramel.

Iżd'għal għarrieda dan warrab il-biża'
Bex sar skorpjun b'saħħtu
Li ħebb għal Jena.
It-tajr sottili biddel rixu f'daqqa
U tar bħal isqra inittef mis-saħħa
Tal-Jena midruba, maħruba.
It-tmellis li kien ilbieraħ
Inbidel f'tebqa t'għajn f'daqqiet qawwija
u l-kliem għasli dlonk iddawwar
F'aġġettivi ta'disprezz.

U l-ġrajja tissokta
Iddomm għemil il-bniedem
Li jqabbel fejn jaqbillu
Skont kif tista' tiddetta l-konvenjenza.

U s-serduq jibqa' jidden matul iż-żmien.

Salv Sammut – Awwissu 26, 2011

Hekk Hi Ħajjitna

1.
Hekk hi ħajjitna
spaga twila
li minnha
int tislet ħajta ħajta
biex ixxellel il-keffa mdendla
fuq naħa.

2.
F'dik il-ħarsa,
il-mistoqsija tan-niket li writt,
f'dik it-tbissima,
l-esklamazzjoni tal-ħajja bi
dritt.

Joe Axiaq (Awstralja)

Proverbji Maltin

Il-gideb u ż-żibel kullimkien issibhom

Tifsira: Qawl li jgħallimna li l-ħwejjeġ ħżiena ssibhom kullimkien, il-maqlub tat-tajjeb. Jgħallimna biex inħejju lilna nfusna biex inkunu lesti u ma nohduhiex bi kbira għal dawn il-ħwejjeġ.

Mnejn tohroġ il-kelma tohroġ ir-ruħ

Tifsira: Mill-ġdid, missirijietna jwissuna li bħalma l-kelma tohroġ mill-fomm, fi tmiem ħajjitna rridu nħallsu jew inwieġbu għal dak li nlissnu, tajjeb jew ħażin. Għalhekk ikun ferm aktar ta' siwi li nghidu kelma tajba, kelma li biha nkunu ta' ġid għal ħaddieħor.

Kull miktub kien moqul: sata' jkun migdud u mirqum

Tifsira: Filwaqt li nitgħallmu li kulma llum insibu miktub, aktar li jkun inqiegħad jew intqal żmien qabel, dan il-qawl jgħallimna nżommu għajnejna miftuħin u mhux nemmnu kollox daqs li kieku kien vanġelu.

This document is a verbatim transcription of the Maltese-language newspaper article by Francis Galea reviewing the research work **In-Naħa l-Oħra tal-Istorja Ġudeo-Kristjana** *(2011) by Anton Sammut. The article was originally published in* **It-Torċa** *on Sunday, 4 September 2011 (Letteratura section, p. 38).*

Xogħol ta' Riċerka ta' Anton Sammut

A newspaper review of ***In-Naħa l-Oħra tal-Istorja Ġudeo-Kristjana*** (2011) by Anton Sammut

Written by Francis Galea[1]

Originally published in ***It-Torċa***, Sunday, 4 September 2011 (Literature section, p. 38)
ISBN: 978-99957-0-050-8

It-togħma tal-kitba mifruxa wara l-ħsieb ta' seħibna Anton Sammut diġà doqnieha fil-ktieb *Alte Vestiga*. Kien rumanz imsejjes fuq riċerka li biha Sammut ta xhieda tal-ħiliet imsejsa fuq is-sabar għat-tiftix biex jgħaqqad ħsibijietu flimkien fis-sura ta' rumanz storiku u filosofiku. Illum Sammut mexa aktar 'il quddiem billi, minn riċerka f'oqsma differenti, sawwar dan il-ktieb interessanti li żgur se jqanqal djalogu, tal-inqas, bejn dawk li jħobbu jiddiskutu ġeneru ta' din ix-xorta.

Il-ktieb li għandna f'idejna llum, *In-Naħa l-Oħra tal-Istorja Ġudeo-Kristjana* (2011), mill-ewwel jurina t-triq li għażel l-awtur. Hija triq iebsa u mħarbta. Triq li fiha ried jgħarrex sew u b'sabar kbir sabiex isib il-ħwejjeġ kif tassew ġraw u sostnuti minn aktar minn fehma waħda. Sammut ried imur ukoll f'bosta pajjiżi biex janalizza fehmiet differenti dwar l-esseri uman.

B'xorti tajba, Anton Sammut għandu d-don li jikteb bil-lingwa tal-poplu. B'hekk, billi x-xogħol tiegħu diġà minnu nnifsu fih x'togħmod u tixtarr, il-qarrej m'għandux għalfejn jitkisser jaqra sentenzi twal u kkumplikati. Il-kitba ta' Sammut hija wkoll mexxejja b'referenzi u analiżi siewja biex tissokta ddawwal it-triq ta' kull min jagħżel li jaqra dan ix-xogħol voluminuż. Minnu nnifsu, dan it-tieni xogħol ta' Sammut juri li dan l-awtur mhux biss jedha iżda wkoll isib il-mezz kif joħloq eżerċizzju bil-kliem. Huwa bħal donnu jiddjaloga mal-qarrej tul it-triq

iebsa li jgħaddi minnha sa ma jaħseb li jkun sab id-dokument meħtieġ u aħħari li fiha tfiġġ is-soluzzjoni.

Sammut jaqsam ix-xogħol tiegħu f'żewġ partijiet. Fl-ewwel parti joħodna l-bogħod fl-istorja qadima tas-Sumeri u dawk ta' Babilonja. Idewwaqna ftit mill-benna ta' kitbiet kbar u klassiċi sa ma jdaħħalna fil-ġrajjiet tat-Testment l-Antik fil-Bibbja. F'din it-triq il-qarrej jikseb biżżejjed tagħrif sabiex fil-kwiet ta' kamartu jkun jista' jibda jifforma opinjoni dwar dan il-qari; u hu stess joħroġ b'ideat bit-tama li jagħraf ukoll is-soluzzjoni, ix-xebh, jew tal-inqas raġġ ta' dawl tar-realtajiet li seħħu.

It-tieni parti hija xi ftit aktar iebsa minn dik tal-ewwel għax hawn insibu lill-awtur janalizza b'mod li jidħol fid-dubju. Jifli b'aktar minn lenti waħda biex jara u jersaq sew lejn il-karattri u l-ġrajjiet. Fost dawn l-isforzi nsibuh jixxabbat mal-kitbiet tal-Vanġelu, l-Ittri ta' San Pawl, u oħrajn li lkoll suppost seħħu wara t-twelid u l-ħajja ta' Kristu fuq din l-art. Dan kollu jdaħħalna fit-Testment il-Ġdid li Sammut jagħżel li jidħol fih aktar fil-fond għax, bħalma kulħadd jaf, lil hinn mill-ħajja ta' Kristu hemm il-ħajja ta' dawk li tul il-milja tas-snin għażlu li jkunu l-Appostli u l-predikaturi tar-reliġjon li ssawret f'isem Kristu snin wara mewtu.

Sammut jibda l-mixja tiegħu f'din l-analiżi ta' xirka ta' twemmin billi joħodna lura lejn dak li hu meqjus bħala l-waqa' tal-bniedem. Janalizza wkoll it-twelidt ta' Adam u l-fenomeni sopranaturali li jimmanifestaw fil-forma tas-siġra. Sammut ma jaħsibhiex darbtejn biex jidħol fil-kritika, jgħawwar fil-Medju Evu mudlam, fil-kitbiet ta' awturi kbar — uħud minnhom rappreżentanti ta' quddiemnett tal-Knisja. L-awtur ifittex li jikteb fuq dak l-illuminiżmu li beda jdawwal u hekk jinħoloq id-dubju dwar ir-rinaxximent li mexa bħal mewġa kbira u qawwija bit-tama li tiknes u teqred il-medjokrità antika.

L-awtur Sammut mhux bħal awturi oħrajn. Jogħxa mhux biss fir-rakkont iżda fl-argumenti li jħobb iqanqal u jsostni l-ħtieġa tagħhom biex jgħin fil-ftuħ tal-moħħ tal-qarrejja. Dan iwassalna lejn l-aħħar parti tal-kitba li fiha jdaħħal dawk li jsejjaħ *Riflessjonijiet Addizzjonali*. F'din is-sezzjoni, il-bniedem jieħu rwol aktar qawwija u b'saħħitha jew valida, għax, bħalma huwa kien l-attur ewlieni fl-imgħoddi, hekk ukoll se jkun protagonist fil-ġejjieni.

Anton Sammut jibqa' għaddej b'fehmiet konkreti dwar ir-reliġjonijiet li jsawru parti sħiħa mill-għemejjel u l-imġiba tal-bniedem, kemm bħala mexxej kif ukoll bħala bniedem ubbidjent. Bħalma l-awtur jistrieħ għax hu u jikteb jifhem li jkun qed joħloq, u hekk jibda jneħħi ftit mill-piż li jitgħabba bih, hekk ukoll il-qarrej jibda jirċievi tagħrif bit-tama li l-eżerċizzju jwassal għal fehma ġdida u aktar reali.

Hi x'inhi s-sitwazzjoni li jsib ruħu fiha l-qarrej, żgur li twasslu biex janalizza l-kitba ta' Sammut u jasal biex joħroġ hu wkoll fehmiet u ħsibijiet ġodda. Dan l-eżerċizzju jgħin lill-individwu jimbotta l-moħħ lejn il-limiti mbiegħda.

Note: *This is a verbatim Maltese transcription of a newspaper article originally published in* **It-Torċa** *on 4 September 2011 (Literature, p. 38). The article discusses Anton Sammut's research work* **In-Naħa l-Oħra tal-Istorja Ġudeo-Kristjana**. *Layout and formatting have been adapted for ease of reading, with all original content and interpretations preserved.*

---

[1] Galea, Francis. "*Xogħol ta' riċerka ta' Anton Sammut*," In-Naħa l-Oħra tal-Istorja Ġudeo-Kristjana. It-Torċa, 4 September 2011, p. 38.

This document reproduces in full the English translation of a Maltese-language newspaper article by Francis Galea, reviewing the research work **In-Naħa l-Oħra tal-Istorja Ġudeo-Kristjana** *(2011) by Anton Sammut. The article was originally published in* **It-Torċa** *on Sunday, 4 September 2011 (Letteratura section, p. 38).*

A Work of Research by Anton Sammut

A newspaper review of ***In-Naħa l-Oħra tal-Istorja Ġudeo-Kristjana*** by Anton Sammut

Written by Francis Galea[1]

Originally published in ***It-Torċa***, Sunday, 4 September 2011 (Literature Section, p. 38)

ISBN: 978-99957-0-050-8

We had already tasted the depth of Anton Sammut's thought and writing in his novel *Alte Vestiga* (2009) — a work grounded in research that demonstrated his commitment to inquiry and his patience in weaving his ideas into a historical and philosophical narrative. With this latest publication, Sammut goes even further, transforming a wide range of research into an engaging and thought-provoking book — one that will undoubtedly stimulate dialogue, particularly among readers drawn to such genres.

The original version of this new book, *In-Naħa l-Oħra tal-Istorja Ġudeo-Kristjana*, was published in Maltese in 2011, with its English translation (*The Other Side of Judeo-Christian History*) following in 2012. From the outset, it is clear which path the author has chosen: a difficult and uneven one. It is a journey requiring deep and patient investigation into how events may truly have unfolded — supported by multiple perspectives. Sammut also ventures intellectually through various civilisations, analysing differing views on the human condition.

Fortunately, Sammut possesses the gift of writing in a language accessible to the general reader. Despite the complexity and richness of his content, his prose avoids long-winded or overly technical sentences. His style remains approachable, aided by sound references and insightful analysis that guide readers along the often challenging path this substantial volume presents.

This second major work by Sammut not only reflects intellectual persistence but also transforms writing into an act of dialogue — as if he is in constant conversation with the reader along this demanding journey, searching for a final insight or revelation that might offer resolution.

The book is divided into two main parts.

In the first part, Sammut takes the reader deep into ancient history — from the Sumerians and Babylonians to classical texts — eventually arriving at the events of the Old Testament. This historical journey provides ample material for the reader to reflect quietly and independently, perhaps arriving at new insights, parallels, or at least a glimmer of understanding about these inherited narratives.

The second part is somewhat more demanding. Here, the author moves into a more speculative and analytical mode, applying multiple lenses to examine characters and events in finer detail. He critically engages with Gospel texts, the Letters of St Paul, and other writings that followed Christ's life and death. Sammut's attention turns to the New Testament, which he explores in depth — not only focusing on Christ's life but also on the broader development of a religion shaped by apostles, preachers, and followers over centuries.

He begins this analysis by returning to the concept of the Fall of Man — investigating the birth of Adam, the symbolic significance of the tree, and other supernatural elements. Sammut does not shy away from critique: he explores the darker legacies of the medieval Church, the works of leading religious thinkers, and the intellectual shifts brought about by the Enlightenment, which challenged tradition and introduced sweeping new ways of thinking.

Anton Sammut is not like other authors. He takes pleasure not only in narrative but in argument — raising points that require attention and invite critical reflection. This culminates in the final section of the book: *Additional Reflections*. Here, the human being becomes a more active protagonist. Just as humans were central to the past, they are, Sammut suggests, destined to shape the future.

Sammut presents clear and considered views on world religions — belief systems that continue to shape much of human behaviour, both in authority and in obedience. Through the act of writing, Sammut appears to unburden himself intellectually, and the reader likewise begins to receive this knowledge with the hope that it might give rise to a more grounded and realistic understanding.

Whatever the reader's background, they are inevitably drawn into a process of analysing Sammut's writing — from which they are encouraged to develop their own interpretations and reflections. This process expands the reach of the individual mind, urging it to its furthest horizons.

Note: *This is an English translation of a newspaper article originally published in* **It-Torċa** *on 4 September 2011 (Literature, p. 38). The article discusses the research work* **In-Naħa l-Oħra tal-Istorja Ġudeo-Kristjana** *by Anton Sammut. Layout and formatting have been adapted for ease of reading. All interpretations of the original content have been preserved.*

---

[1] Galea, Francis. *"Xogħol ta' riċerka ta' Anton Sammut," In-Naħa l-Oħra tal-Istorja Ġudeo-Kristjana* by Anton Sammut. It-Torċa, 4 September 2011, p. 38